MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2015

Numru. 312/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Mary Jane Mizzi**

Kaz Numru: 312/2014

Illum 6 ta' Jannar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Mary Jane Mizzi**, bint Francis Bajada u Margaret neé Galea, imwielda fid-29 ta'

Mejju 1944 u residenti fil-fond Rondinella, Triq it-Tmienja u Ghoxrin ta’ April 1688, Sannat, Ghawdex u detentrici tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 50344(G) akkuzata talli fis-26 ta’ Mejju 2014 ghall-habta ta’ bejn 08:30hrs u 09:00hrs fi Triq it-Tmienja u Ghoxrin ta’ April 1688, Sannat, Ghawdex:

1. bla hsieb li tisraq jew li taghmel xi haga kontra l-ligi, biss biex tezercita’ dritt li ghandha bl-awtorita’ taghha nnifisha zammet lir-ragel taghha Paul Mizzi milli jidhol fid-dar matrimonjali ‘Rondinella’, Triq it-Tmienja u Ghoxrin ta’ April 1688, Sannat, Ghawdex billi biddlet is-serratura tal-bieb tad-dahla u b’hekk tellfitu l-access li jidhol gewwa l-istess dar.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelant.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b’mod volontarju.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata tressqet quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta’ *ragion fattasi.* Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u
>
> (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll

> Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont ta' dak kollu li gie mismugh mill-Qorti, jirrizulta li b'dak li ghamlet l-imputata, m'hemmx dubju li r-reat ta' *ragion fattasi* gie sodisfacentement pruvat u b'hekk l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Mary Jane Mizzi hatja tal-

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u tikkundannha multa ta' mitt Euro (€100.00).

Finalment, il-Qorti tordna lill-imputata sabiex sas-16 ta' Jannar 2015 tghaddi kopja tac-cavetta tas-serratura in kwistjoni lil Paul Mizzi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------